*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

IL-Tlieta 7 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.
.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Ishmael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **16.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 16.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill bdiet fis- 6:45 ghax ma' kienx hemm *quorum*. |
| 16.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Ishmael Dalli talab sabiex jigi skuzat ghall-laqgha ghax ma setghax jattendi minhabba cirkustanzi urgenti ta' xoghol. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti l-Kunsilliera laqghu l-apologija tas-Sur Ishmael Dalli. |
| 16.1.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Ishmael Dalli kien avza li se jasal tard ghall-laqgha precedenti tal-Kunsill numru 15 imma mhabba cirkostanzi urgenti tax- xoghol ma setgha jattendi fl-ebda hin. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sur Ishmael Dalli kien bghat messagg waqt il-laqgha sabiex jigi skuzat, liema messagg gie moqri wara li ntemmet il-laqgha. Wara vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenzti l-apologija tas-Sur Ishmael Dalli giet accettata. |
| **16.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 16.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 15 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 16.2.2 | Is- Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Anabelle Marmara ssekondat l-minuti tas-Seduta numru 15 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **16.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 16.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li d-*District Operations* lesti li jaghtu l-Kunsill zewg haddiema assenjati. Is-Sindku spjega li dawn iz-zewg haddiema jekk ikunu accettati se jkunu qed jissostutwixxu lil wiehed mill-haddiema li telaq f'Gunju u l-iehor li se jitlaq f'Settembru ghadaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera l-haddiema gew accettati. |
| 16.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti b'incident tat-traffiku fejn vettura dahlet fil-monument tal-gwerra. Is-Sindku informa l-Kunsill li gabar ir-rapport mill-ghassa tal-Pulizija sabiex il-hsara li saret fuq il-monument tithallas u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera rigward jekk ghandux jitranga l-gebel ta' madwar il-monument. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li jinhatar Perit u jaghti gwida. |

| | |
|---|---|
| 16.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b'petizzjoni li ntbghatet lill-Transport Malta u kopja taghha lill-Kunsill Lokali mir-residenti ta' Triq is-Sorijiet, sabiex juru d-dizapprovazzjoni taghhom ghall-mod kif gie riservat parkegg fi Triq is-Sorijiet ghas-sid tal-banka tal-lottu li tinsab fi Triq Ħal Tarxien.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkomunika ma'Transport Malta sabiex il-parkegg riservat jigi rilokat fi Triq Ħal Tarxien. |
| 16.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Agenzija Sapport li tinsab il-Fgura ghandha parkeggi riservati fi Triq id-Dejma Ħal Traxien. Is-Sur Joseph Abela Galea informa l-Kunsill li l-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit kienet diga' kkomunikat ma' Transport Malta f'dan ir-rigward u nfurmatom li l-parkeggi riservati jistghu jsiru fi Triq Mary Carter Fgura. Fuq talba tas-Sindku saret diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti u gie deciz li l-parkeggi riservati ghandhom jitnehhew minn Triq id-Dejma Ħal Tarxien. |
| 16.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b'komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward tibdil fil-konfini bejn Ħal Traxien u Fgura. Is-Sindku spjega kif din it-talba saret mill-Kunsill precedenti ta' Ħal Traxien fl-2018 sabiex l-ahhar parti ta' Triq San Mikiel li ma' kienitx tezisti meta saru l-konfini tigi taghmel mal-Fgura. Is-Sindku spjega li l-problema tal-konfini kemm ma' Fgura kif ukoll ma' Rahal Gdid ghandha tigi diskussa u tinstab soluzzjoni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghandha tinzamm laqgha bejn is-Sindki f'dan ir-rigward. |
| 16.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li attenda laqgha flimkien mal- *Contracts Manager* tal-Kunsill, il-Kuntrattur tal-*Open Air Gym* u l-Perit tieghu fuq is-sit tal-*Open Air Gym* ta' Kurunell Mas sabiex issir spezzjoni fuq ix-xoghol li kellu jsir hekk kif kien mifthiem Is-Sindku spjega li x-xogholijiet saru kif suppost u kif kien mifthiem. |
| 16.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti bl-applikazzjoni tas-*Slow Streets Project* li giet diskussa wkoll fil-laqgha tar-Regjun Xlokk u spjega li l-Perit ta' dan il-progett se jkun qed iqabdu r-Regjun u l-ispejjez tal-Perit se jkunu koperti mir-Regjun ukoll. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jippartecipa f'din l-inizjattiva. Wara diskussjoni libera u vot unanimu gie deciz li l-Kunsill jippartecipa u t-Toroq maghzula ghandhom ikunu Triq Santa Marija quddiem il-Kunsill Lokali u Triq Anetto Caruana. |
| 16.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghandu fond ta' 50,000Eur li jaghmlu parti mid-*Development Planning Funds* (DPF), li jistghu jintefu sabiex issebbah il-lokal u habbar li l-Kunsill jistgha jinaghta il 100% tal-fondi ghal dan il-ghan. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li jitranga Gnien Penza b'dawn il- |

| | |
|---|---|
| | fondi. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-fondi ghandhom jintuzaw sabiex jitranga Gnien Penza. |
| 16.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-Ministeru tat-Turizmu sabiex jitranga quddiem it-Tempji Neolitici u tinaghta ghajnuna sabiex il-Kunsill juza l-*Gazebo* ta' fejn it-Tempji bhala ufficju tat-Turizmu. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jistenna risposta mill-Awtorita tat-Turizmu wara li dawn ikunu ikkomunikaw ma Infrastructure Malta sabiex issir l-art u l-bankina qabel ma jigi diskuss il-progett. |
| 16.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Triq Paola se ssir minn *Infrastructure Malta* u trid titlesta sa Dicembru 2020, ghaldaqstant spjega li jridu jsiru diskussjonijiet mal-Arcipriet sabiex jintlahaq ftheim minn fejn se tghaddi l-vara fil-festa tad-Duttrina. Is-Sindku nforma l-Kunsill li wara li tinzamm id-diskussjoni trid tintbghat korrispondenza lil Transport Malta fir-rigward l-immanigjar tat-traffiku. |
| 16.3.11 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista attenda laqgha mal-Enemalta rigward  xogholijiet ta' thaffir li se jsir fit-Toroq ta' Ħal Tarxien sabiex tissaħħaħ il-provvista tal-enerġija fil-lokalita'. Is-Sindku spjega li ntbghatet ittra lir-residenti li joqghodu fit-Toroq li se jigu affetwati. |
| 16.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li harget skema mill-Awtorita tad-djar ghall-manutenzjoni fil-partijiet komuni tal-binjiet tal-Gvern, ghaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jinghazlu zewg blokkijiet ta' bini tal-Gvern. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-manutenzjoni ghanda ssir fiz-zewg binjiet ta' Pjazza Agatha Barbara. |
| 16.3.13 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar it-13 ta' Gunju 2020 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma' *Infrastructure Malta* fejn gie diskuss il-Progett tal-Pjazza u Triq Sqajjaq. Is-Sindku spjega li *Infrastructure Malta* lesta li tghin f'dan il-progett bi ftheim li l-Kunsill ihallas il-pavimentar ta' Triq Sqajjaq u l-Pjazza mid-*Development Planning Funds* (DPF). Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dan il-progett jigi isehh. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-proposta tas- Sindku intlaqghat u gie mifthiem li l-Kunsill ghandu jiltaqgha mal-Perita ta' *Infrastructure Malta* sabiex jinzammu aktar diskussjonijiet dwar l-implimentar tal-Progett. |
| 16.3.14 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera b'korrispondenza mir-residenti sabiex Triq il-Wilga tigi *One Way.* Wara diskussjoni libera gie deciz l-Vici Sindku Darlene Vella Zammit ghandha tikkomunika ma' Transport Malta f'dan ir-rigward. |

| | |
|---|---|
| *Il-Hin huwa 19:53 u l-laqgha giet sospiza sabiex il-Kunsill jiddiskuti materja partikolari.* | |
| *Il-Hin huwa 20:06 u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 16.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 16.4.1 | Is-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet,"Jekk joghgobkom il-Kunsilliera jistghu japprovaw it-tibdil tad-direzzjoni tat-traffiku, l-*area* annessa?"<br><br>Il-Vici Sindku Sa Vella Zammit spjegat kif gie diskuss u ssuggerit it-*Traffic Management* ma' Transport Malta fi Triq San Anard u l-*area* tal-madwar u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti it-tibdil tat-*Traffic Management* gie approvat kif propost u ghandu jigi mplimentat bilmod, inizjalment minn Triq it-Tamal, Misrah Buleben, Triq Lorenzo Gonzi u Kurunell Mas. |
| 16.4.2 | Nixtieq nipproponi li isir bdil fil-gurnata li fiha jigi mfakkar Jum ĦalTarxien li bhalissa qieghed jigi mfakkar fir-raba Hadd ta' Gunju, qed nitlob ghal ideat taghkom u jekk taqblux dwar dan u jekk ghandniex naghmlu dan min din is-sena jew is-sena id-diehla? L'idea tieghi hi li dan jersaq ghal ahhar t'Awwissu jew bidu ta' Settembru u id-data li ghandi f'mohhi hi is-7 ta' Settembru li jkun lejliet Festa Nazzjonali. F'kaz li jkollna qbil lest li nressaq mozzjoni fil-laqgha li jmissna xahar iehor?<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li it-8 ta' Settembru tkun imfakkra ghall-vittmi tal gwerra u ghandha wkoll tigi deciza data u gurnata ghal Jum ĦalTarxien. |
| 16.4.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li ma' kelliex ghalfejn taghti apologoja u spjegat li dak li kienet qalet lis-Sur Debattista kien li jiddisjacija jekk hassu urtat ghax dik ma' kienitx l-intenzjoni taghha. Is-Segretarju indirizzat lis- Sur Debattista u qaltlu li ma' kelliex ittih apologija ghax ma' thoss li weggatu u staqsietu biex ihossu mweggha. Is-Segretarju spjegat ukoll li hi qaltlu jiddispjaci ghax is-Sur Debattista ha ghalih u regghat staqsietu ghalfejn ha ghalih.<br><br>Is-Sur Debattista wiegeb li hu kien qed jifthilna ghajnejna fuq li ghamlulna. Is-Segretarju wiegbet li hi ukoll kellha biex tiehu ghaliha fuq dak li qal is-Sur Debattista u spjegat kif hu ukoll tkellem f'rabja u lila weggaha imma qatt ma' talbitu sabiex ssirila apologija u qaltlu li hu jaf x'kiteb fic-*chat*. Is-Sur Debattista wiegeb li jaf x'kiteb fic-*chat* u lest li jgiba mieghu. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku s-Sur Joseph Abela Galea spjega kif wara t-telefonata is-Segretarju Ezekuttiv ikkuntatjat lis-Sindku u nfurmatu b'kollox u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jirrepeti l-istess diskors li kienet qalet lis-Sur Debattista li jiddisjacija jekk hassu urtat ghax dik ma' kienitx l-intenzjoni taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal l-istess diskors u fil-pront is-Sur Debattista qal li hu ma' qalliex zibel. Is-Segretarju wiegbet li hu ma kienx qalla hekk u spjegat li hi kienet qalet li mhux se tkun trattata b'dan il-mod ghax minn kollox ghamlet ghall-Kunsill.<br><br>Il-Kunsilliera prezenti qalu li din kienet *misunderstanding* u hawn is-Sur Debattista qal li s-Segretarju Ezekuttiv kien zbalja ghax semma l-materja waqt il-laqgha. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien li semma l-materja waqt il-laqgha ghax wara s-suggett li ssemma fic-*chat* sar ukoll bhala mistoqsija ghall-laqgha.<br><br>Is-Sur Debattista qal li hu gie l-laqgha u tkellem ta' ragel u s-Segretarju Ezekuttiv ma' jridx jiskuza ruhu . Is-Segretarju Ezekuttiv reggha spjega li hu m'ghadux fuqiex jiskuza ruhu. Is-Sur Debattista qal li s-Segretarju Ezekuttiv haseb li hu qal li qed jaghmel xgholu hazin u insista li qatt ma qal hekk. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li hekk gie mifthiem il-kliem li nkiteb fic-*chat* u li l-Kunsilliera kollha jaf.<br><br>Is-Sur Debattista qal li waqt il-laqgha li kienet saret ahna waqqajnih ghac-cajt u semma li s-Segretarju waqaf ikelmu u minflok kellem lill-Kunsillier is-Sur Ishmael Dalli u semma wkoll li Sa Anabella Marmara capcpet. Is-Sindku nforma lis-Sur Debattista li l-Kunsilliera Sa.Anabelle Marmara capcpet sabiex issikket u jieqaf id-dizgwid u mhuz biex twaqqgha ghac-cajt.<br><br>Is-Sindku qal lis-Sur Debattista li l-punt tieghu ghamlu u avza li llum se jghamila obbligatorja li kulhadd johrog mic-*chat* u tinghalaq. Il-Kunsilliera prezenti regghu kkumentaw li dan kien kollu *misunderstanding*. Is-Sindku spjega wkoll li wara li l-Kunsill gie fuq saqajh hu ma' jrid jitlef lill-hadd. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela Galea informa l-Kunsill li meta kien hemm *misunderstanding* mas-Sur Debattista kien mar ghandu sabiex jirranga l-affarijiet.<br><br>Is-Sur Debattista qal li s-Segretarju Ezekuttiv ma' kellux ghalfejn jiehu ghalih u rega' talaba sabiex titlob skuza ghal mod kif kelmitu. Is-Segretarju Ezekuttiv rega' wiegeb lis-Sur Debattista li m'ghandux ghalfejn jitlob skuza u spjega kif ilu jigi urtat mis-Sur Debattista bil-korrispondenza li qed jibghat. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Debattista cahad dan u ried jara l-korrispondenza. Is-Segratarju Ezekuttiv infurmatu staqsietu x'ried jara ghax tali korrispondenza kienet minghuta minnu. Is-Sur Debattista ghajar lis-Segretarju giddieb u s-Segretarju insista li mhux jigdeb.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace ried jghamila cara mal-Kunsill u spjega li kien ha inizjattiva tac-*chat* b'intenzjoni tajba sabiex jigu diskussa u solvuta lilmenti tar-residenti u mhux biex jinqalghu l-argumenti.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb din id-diskussjoni kelma b'kelma fuq talba u insistenza tal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista. |
| **16.5** | **Rapporti** |
| 16.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera bid-Direttiva datata 11 ta' Gunju 2020 minghand id-Divizjoni tal-Gvern Lokali "3/2020 "Revoka tad-Direttiva 2/2020". Il-Kunsilliera ntalbu jimlew il-kwestjonaru flimien mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv sabiex jjinghata *feedback* dwar l-esperjenza taghhom f'dawn ix-xhur bis-sistemi godda tal-*online*. |
| **16.6** | **Mozzjonijiet** |
| 16.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **16.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 16.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-knis se jigi publikat fil-jiem li gejjijn. |
| **16.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 16.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 12/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Gunju 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 16.8.2 | Fuq mozzjoni ta' Sa Darlene Vella Zammit ssekondata mis-Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| *Il-hin huwa id-20:44 u s-Sur Thomas Debattista hareg mill-laqgha.* | |

| 16.9 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
|---|---|
| 16.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid-20.50p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 4 ta' Awwissu 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 7 ta' Lulju 2020.

IFFIRMATA
___________________
**Joseph Abela Galea**
Sindku

IFFIRMATA
___________________
**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv